MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 292/2003

***Omnibus Pool***

***vs***

***Veronica Zammit***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm756.67) rappresentanti kwantu ghal Lm598.23 bhala danni, Lm15.95 bhala imghax, Lm130.70

bhala spejjez gudizzjarji u Lm11.79 bhala V.A.T. wara li l-attur kien obbligat skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel tajjeb favur l-attur fil-kawza fl-ismijiet *Jeremy Pullicino vs Veronica Zammit* (Avviz. Nru. 965/00JAB) istitwita bhala konsegwenza ta'

incident tat-traffiku li gara San Giljan fit-23 ta' Lulju 1999 f'liema incident kienet involuta l-vettura HMY-156 assikurata mill-attur, liema kawza kienet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Novembru 2000 kontra l-konvenuta unikament ghaliex ghalkemm kienet debitament notifikata bl-avviz tal-kawza la avzat lill-attur, la dehret ghal kawza u wisq anqas ikkontestat it-talba ta' l-attur. B'hekk il-konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha versu l-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2002 u l-imghax legali mid-19 ta' Lulju 2002, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta rrifjutat in-notifika lilha maghmula ta' l-avviz tat-talba u dana fit-3 ta' Marzu 2003.

Ra d-digriet tat-Tribunal tal-5 ta' Mejju 2003, wara li instemghet ix-xhieda tal-pustier inkarigat bil-konsenja ta' l-att Jonathan Falzon, li xehed dwar ir-rifjut tan-notifika ta' l-att mill-konvenuta, fejn id-data tat-3 ta' Marzu 2003, giet meqjusa bhala d-data illi fiha l-konvenuta giet validament notifikata skond il-ligi bl-avviz tat-talba.

Ra illi l-konvenuta imsejjha baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fit-terminu moghti mill-ligi.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Joseph Zammit Mckeon ghan-nom ta' l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' Dokument ZM1 konsistenti f'kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Novembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet Jeremy Pullicino vs Veronica Zammit, Dokument ZM2 li hija kopja ta' l-ittra tat-12 ta' Dicembru 2000 li l-attur ircieva minn ghand il-konsulent legali ta' Jeremy Pullicino, Dokument ZM3, kopja ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2002 li ntbaghtet lill-konvenuta, Dokument ZM4 kopja tar-ricevuta li baghat il-konsulent legali ta' Jeremy Pullicino wara li l-attur hallas skond is-sentenza Dokument ZM1,

Dokument ZM5, li hija kopja ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Lulju 2000 li l-attur ircieva a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u Dokument ZM6, kopja ta ’l-iskizz u okkorrenza ta’ l-incident mertu tas-sentenza Dokument ZM1. .

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ seba’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm756.67), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Lulju 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Lulju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------